# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2022**

**Talba Nru: 189/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 7**

**Jesmond Schembri (K.I. 519986(M)) u Maria Schembri (K.I. 483686(M))**

**Vs**

**Kevin Debono (K.I. 437176(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Awwissu 2020, permezz ta' liema, l-ammont ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) rappreżentati ħlasijiet ta' stokk mhux imħallas u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€50.45) rappreżentanti ħlas dovut fuq ikel mixtri mill-konvenut kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra interpellatorja tal-4 ta' Novembru 2019, ta' ittra uffiċjali, ta' mandat ta' sekwestru u l-imgħax mit-30 ta' Settembru 2019.

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti anness mal-istess Avviż[2];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[3];

Ra lill-konvenut, debitament notifikat[4], naqsas milli kemm jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u milli jressaq risposta formali. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja[5];

Sema' x-xhieda ta' Maria Schembri[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, il-konvenut f'dawn il-proċeduri naqsas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[7].

---

[2] Mhux immarkati imma jinsabu a fol 4 u 5 tal-proċess.
[3] A fol 11.
[4] Permezz tal-proċedura t'affissjoni u pubblikazzjoni.
[5] Verbal tas-17 ta' Mejju 2022.
[6] Magħmula fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 u tibda a fol 44 tal-proċess.
[7] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala x-xhieda ta' Maria Schembri, li kkonfermat ukoll d-dokumenti eżebiti m'għandhiex titwemmen.

Illi madanakollu, dan it-Tribunal jinsab ma jistax jakkorda l-ispejjeż tal-ittra interpellatorja mitluba fl-Avviż u dan għaliex l-istess qatt ma ġiet preżentata formalment u lanqas ingħatalu ħjiel ta' kemm l-istess spejjeż jistgħu jkunu[8]. L-istess jingħad fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-atturi u għalhekk jikkundanna lill-konvenut jħallas lill-atturi somma ta' tlett elef, mitejn u ħamsin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€3,250.54) bl-imgħax legali kif mitlub, u ċioé mit-30 ta' Settembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 69/2020[9], iżda mhux dawk tal-ittra interpellatorja u tal-mandat ta' sekwestru, kif hawn fuq spjegat, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[8] Dan b'differenza għal dak li seħħ u ġie deċiż minn dan it-Tribunal fis-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Perit Daniel Grima vs Raymond Azzopardi,** (Tlb Nru: 207/2021) deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2022 (mhux appellata).

[9] Eżebita a fol 47 tal-proċess.